MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 86/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Cuschieri talli bhala President tal-Malta Labour Party, ordna, ipproduca u hallas ghall-avviz li gie ppubblikat fil-harga tal-gurnal 'L-Orizzont' tad-19 u tal-20 ta' April 2001, liema avviz attribwixxa fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tal-kwerelant u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Cuschieri

hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Emanuel Cuschieri pprezentat fl-20 ta’ Marzu 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tal-15 ta’ Marzu 2006 in kwantu sabitu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u kkundannatu jhallas multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200) u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija, u f’kull kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel talba, tirriduci l-multa nflitta;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri taht l-Att Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta) kienu brevement is-segwenti: Fil-hargiet tal-gurnal “L-Orizzont” tal-Hamis 19 u l-Gimgha 20 ta’ April 2001, deher f’kaxxa li kienet tiehu madwar tliet kwarti ta’ pagna dak li ssejjah minn xi xhieda bhala “avviz” jew “reklam” tal-Partit Laburista bit-titolu b’ittri bojod grassi fuq l-iswed “IL-HBIEB TAL-HBIEB”. Taht dan it-titolu kien hemm kopja ta’ faccata ta’ djarju bid-data fl-intestatura “mercoledi 6 ottobre” u xi ismijiet u indirizzi, fosthom dak ta’ “Joe Galea fratello di Louis amico di Charlie e Barriera”. Ma’ genb dan l-isem kien hemm ritratt tal-Onorevoli Dott. Louis Galea bi vlegga sewda testendi mir-ritratt sal-parti fuq il-faccata tad-djarju fejn kien hemm dawk il-kliem. Kien hemm ukoll tliet ritratti ohra mad-dawra tal-kopja tal-faccata tad-djarju, u cioe` dawk ta’ Meinrad Calleja, l-Onorevoli Ministru Ninu Zammit u certu Bastjan Dalli, hu l-ex-Ministru John Dalli. Fil-qiegh tal-kaxxa imbaghad kien hemm il-kliem b’tipa in korsiv ukoll grassa u sewda: *“Skond id-djarju ta’ Ciro del Negro”*.

Fis-26 ta’ April 2001 il-kwerelant Dott. Louis Galea permezz tal-legali tieghu Dott. Peter Fenech kiteb lill-Ispettur tal-Ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zebbug u talbu jipprocedi kontra l-appellant talli bhala President tal-Malta Labour Party, ordna, ipproduca u hallas ghal avviz li gie ppubblikat fil-hargiet imsemmija ta’ “L-Orizzont”, liema avviz “attribwixxa fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tal-kwerelant u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku”.

Meta l-kwerelant xehed quddiem l-ewwel Qorti hu qal li kien hassu ngurjat b’dan l-avviz peress li hu kien gie assocjat ma’ cirku ta’ droga illi assolutament hu ma kellux x’jaqsam mieghu u, di piu`, donnu kien qed jigi nsinwat illi hu habib ta’ dan ic-cirku jew inkella ghandu interess fih. Xehed illi ma’ Meinrad Calleja qatt ma ltaqa’, ma kellu ebda relazzjoni mieghu u ma kienx jafu. Huh Joe Galea kien xehed diversi drabi quddiem il-Qrati u dejjem kien kostanti fix-xiehda tieghu fis-sens li hu qatt ma kellu konnessjonijiet la ma’ Meinrad Calleja u lanqas ma’ Ciro del Negro u qatt ma kien iltaqa’ maghhom. Il-kwerelant kompla jixhed li huwa figura pubblika u kien ilu jokkupa dekasteri ministerjali ghal diversi snin u ghalhekk dan l-avviz ikollu aspett negattiv serju fuqu kemm personalment u kemm ukoll fuq il-kariga li kien jokkupa.

Issa, l-aggravju tal-kwerelat appellant huwa fis-sens illi r-reklam politiku in kwistjoni ma jaghmilx allegazzjonijiet ta’ fatt izda huwa limitat ghall-pubblikazzjoni tal-fatti li rrizultaw u l-pubbliku seta’ jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu. Jghid li mhux lecitu f’demokrazija li l-Qorti ticcensura pubblikazzjoni simili proprju minhabba li l-pubbliku seta’ jasal ghal konkluzjonijiet li ma joghgbux lill-kwerelant. Skond l-appellant imbaghad il-ligi ta’ libell zviluppat hafna matul dawn l-ahhar snin principalment minhabba l-influwenza tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk l-interess pubbliku li jkun informat fuq il-vicenda li kienet ghaddejja jissupera l-interess tal-kwerelant li jzomm mistur kemm jista’ jkun il-fatt li ismu ssemma’ f’kuntest li kien jisthoqq spjegazzjonijiet cari u inekwivoci.

Il-liberta` ta' l-espressjoni ta' l-appellant m'ghandhiex tigi mxekkla bil-kastig tal-piena kriminali.

L-appell tal-kwerelat ghalhekk jinnecessita revizjoni tal-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha fis-sentenza appellata. Dan ghaliex kif jghid il-GATLEY "On Libel and Slander" 97$^{th}$. Edit . p.49 : "..*whether or not any imputation is defamatory is not a matter of law , but a matter of fact."* Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha "**Onor. Dr. Alfred Sant vs. Joe Micallef**" tat-3 ta' Marzu 2004, (fejn din il-Qorti kkonfermat sentenza ta' htija dwar ingurja minn karikatura li kienet turi lill-kwerelant b'xebh ma Hitler), hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

A propozitu, din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed*."

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-kwerelat appellant. Jigi osservat pero` illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rreferiet, a skans ta' ripetizzjoni, ghal sentenza ohra li kienet tat fl-24 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet **L-Avukat Dott. Louis Galea v. Frans Ghirxi**, liema sentenza giet ikkonfermata minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz tas-sentenza taghha tat-28 ta' April 2005. Din is-sentenza kienet tittratta l-istess mertu ta' dan il-kaz peress illi kien jirrigwarda l-istess "avviz" u dawk il-proceduri ttiehdu kontra l-imsemmi Frans Ghirxi bhala editur ta' "L-Orizzont".

F'dik is-sentenza l-ewwel Qorti kienet sewwa rriteniet li l-messagg moghti mill-hekk imsejjah "avviz" hu wiehed car u cioe` li l-kwerelant Dott. Galea jifforma parti minn cirku ta' "hbieb tal-hbieb" li fosthom kien hemm certu Meinrad Calleja li dak iz-zmien kien ghaddej jew ghadu kif ghadda process kriminali fuq traffikar ta' droga, process li kien qajjem hafna interess u li spicca b'verdett ta' htija tal-gurati. Il-bazi ta' dan il-messagg jidher li harget mill-fatt li

fid-djarju ta' Ciro del Negro kien hemm referenza ghal "Joe Galea fratello di Louis …."

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 2005 imbaghad din il-Qorti kif diversament presjeduta ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Kif gie ukoll ritenut fis-sentenza **Sant vs. Micallef** fuq citata: 'Dak li jghid il-**GATLEY** li *'The imputation conveyed is not to be determined by the meaning intended by the man who published the words'* izda *'by the meaning in which the ordinary reasonable man would understand them'* japplika kemm ghall-ingurja bil-kitba kif ukoll ghall-ingurja b'karikatura' u, f'dan il-kaz, ghall-avviz viziv kompost minn riproduzzjoni ta' faccata ta' djarju u r-ritratti mdawrin mieghu fosthom senjatament dawk tal-kwerelant u tal-imsemmi 'Meinrad Calleja' li kien instab hati ta' traffikar ta' drogi. Jekk imbaghad kien hemm xi dubju li dan kien il-messagg li ried jinghata, il-kliem b'ittri grassi fuq sfond iswed "Il-Hbieb tal-Hbieb" zgur inehhi kull ombra tieghu.

"Il-kwerelant bil-kompozizzjoni tal-hekk imsejjah 'avviz' gie paragunat u assocjat ma' persuna ormai notorja w li nstabet hatja mill-Qorti ta' reat serjissimu. Issa kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Rocco Abdilla et** [28.4.1962] *'Appena hemm bzonn jigi rilevat li l-paragun ta' persuna ma' "any odious, disreputable or contemptible person' hu libelluz. Hekk il-kazistika gudizzjarja toffri l-ezempju ta' paraguni libelluzi ma Guda, Shylock etc. (GATLEY p. 32; FOLKARD "The Law of Slander and Libel" p. 165). F'kazijiet simili ma hemmx bzonn li jigi pruvat ebda 'innuendo'.'*

"Illi imbaghad kif del resto jaqblu l-partijiet il-kwerelant ma ssemma' bl-ebda mod fid-djarju ta' Ciro del Negro w bil-fatt li fl-istess kitba kien hemm riferenza ghal huh, hadd ma kellu jassocja lill-kwerelant ma' xi cirku ta' hbieb tal-hbieb li wiehed minnhom kien instab hati ta' traffikar ta' droga. Ara kieku r-ritratt kien ta' Joe Galea li jissemma' fid-djarju, forsi kien ikun hemm bazi li wiehed jghid li l-editur kien qed jiskarika l-oneru li jinforma l-pubbliku dwar

min hu dan Joe Galea li qed jissemma' fid-djarju. Imma li jissemma' persuna u fir-ritratt jidher huh, semplicement ghax dan hu fl-arena politika ma jammontax ghall-informazzjoni tal-pubbliku, imma ghall-insinwazzjoni mill-aktar diretta li dak il-politiku hu imcappas b' xi mod f'cirku ta' hbieb li wiehed minnhom hu traffikant.

"Ghalhekk meta fl-apprezzament dwar il-fatti l-ewwel Qorti rriteniet li l-kontenut taz-zewg pubblikazzjonijiet kienu minnhom innifishom ingurjuzi, kienet korretta u din il-Qorti ma tarax li ghandha tirrimpjazza dak l-apprezzament tal-provi b'xi gudizzju taghha divers.

"Ikkonsidrat;

"Illi pero` l-appell ma jirrigwardax biss l-apprezzament tal-provi *ut sic* imma ukoll l-interpretazzjoni li trid tinghata lil dawn il-provi fid-dawl tal-gurisprudenza recenti aktar liberali fir-rigward ta' proceduri kemm civili kif ukoll kriminali taht il-ligi tal-Istampa.

"Illi kif ben jissottometti l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, kien hemm zviluppi fil-mod li bih il-Qrati qed iharsu lejn kazijiet ta' ingurja jew malafama, kemm bil-fomm kif ukoll bl-istampa, fejn is-soggett passiv tar-reat ikun bniedem maghruf fil-hajja pubbliku, partikolarment fil-qasam tal-politika, tat-trade unions u t'istituzzjonijiet gholjin ohra. Bizzejjed li wiehed jara s-sentenza fil-kawza **Anglu Fenech vs. Carmelo Callus** [4.2.1994] (Appell Civili) li fiha gew enuncjati principji li ftit wara gew ekeggjati w elaborati fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **Il-Pulizija vs. Onor. Dr. Guido De Marco,** [27.7.1994], (fejn ghalkemm il-proceduri ma kienux taht il-ligi tal-Istampa imma taht il-Kodici Kriminali, uhud mill-akkuzi kienu wkoll jirrigwardaw akkuzi ta' ingurja ta' persuni politici w ufficjali pubblici). Hu veru ukoll li hemm sensiela ta' sentenzi recenti kemm fil-kamp civili kif ukoll fil-kamp kriminali li segwew il-linji traccati fiz-zewg sentenzi fuq citati, kif jirrileva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu.

“Pero` mill-banda l-ohra l-kwerelant appellat, a sua volta, ukoll issenjala ghadd ta’ sentenzi fejn il-Qrati sabu li kienet tirrizulta l-ingurja reklamata anki f’ kazijiet minnhom fejn il-vittma tal-ingurja kienet tappartjeni ghall-kategoriji ta’ nies fil-hajja pubblika kif fuq imsemmi u dana anki wara li qiesu dawn l-izviluppi recenti fil-gurisprudenza in materja.

“Hekk, kif qalet il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha **Joe Galea vs. Joe Mifsud** [17.3.2004] (per. Ph. Sciberras J.) :-

“*‘…jigi ribadit il-principju ormai saldament ankrat f’ bosta decizjonijiet fuq il-materja … illi f’ kazijiet ta’ din ix-xorta jikkonkorru simultanjament zewg drittijiet tutelabbli. Dan johrog bil-wisq car proprju mill-ewwel dispozizzjoni tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni li jittratta dwar id-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu, ex-Artikolu 32, kombinat ma l-Artikolu 41, kif ukoll mill-Artikolu 10 ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). In succinct fihom jinghad illi d-dritt fundamentali ta’ l-individwu hu soggett ghar-rispett u d-drittijiet ta’ haddiehor u ta’ l-interess pubbliku, inter alia, ghall-iskop ta’ din il-kawza, ir-reputazzjoni u l-harsien taghha. Kif drabi ohra imtenni mill-Qrati Taghna, anki fuq l-istregwa ta’ decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, dak li ghandu jigi ricerkat f’dawn il-kawzi huwa ‘l-bilanc li kellu jkun hemm bejn l-interess tal-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta’ informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l–opinjoni pubblika’ (**Perit Duminku Mintoff vs. Dr. Joe Brincat et**, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta’ Jannar, 2001)’.* Din il-Qorti taqbel ma’ dawn il-principji.

“Izda meta dik il-Qorti lliberat lill-konvenut Mifsud, dan ghamlitu ghaliex fil-pubblikazzjoni nkriminata ma kien ghamel ebda kumment jew espressjoni jew ta xi opinjoni dwar il-fatti riportati li kienu jikkoncernaw lill-attur f’ dik il-kawza ta’ danni civili li jemanaw minn libell. Hemm il-konvenut fi kliem dik il-Qorti: ***‘kien illimita ruhu biex jiddeskrivi l-fatti kif zvolgew skond l-investigazzjoni u***

***l-procediment penali u bl-ebda mod ma jidher li tbieghed minn dan ir-rakkont jew b'xi mod ipprova jinfluwenza lill-qarrej b' xi opinjoni tieghu.'*** (enfasi ta' din il-Qorti)

"Inoltre l-Qorti ziedet tghid li l-konvenut Mifsud f'dik il-kawza '*ma naqasx milli fil-ktieb tieghu jannota l-izmentita a tempo debito ta' l-attur ghal dak riferenzjat dwaru fid-djarju ta' Ciro del Negro u sahansitra ppublika … l-affidavit guramentat ta' l-istess attur, flimkien max-xiehda minnu moghtija fil-proceduri penali kontra Meinrad Calleja…'*

"Pero' f'dan il-kaz ghandna sitwazzjoni ghal kollox differenti. Hawn non si tratta ta' rakkont preciz u akkurat ta' x'irrizulta fi procediment penali w tal-kontenut ta' dokumenti hemm esebiti, kif kien il-kaz fil-kawza appena citata. Hawn ghandek partit politiku, ovvjament bl-agenda politika tieghu, li kkonfezzjona w kkompona 'avviz' jew 'reklam' viziv, li fih dahhal ritratt ta' persuna politika avversa, li hu pacifiku li ma ssemietx fid-djarju ta' Ciro del Negro, u dan ir-ritratt gie mpoggi hdejn persuna ohra, li semmiet fid-djarju bi vlegga li torbtu mieghu, w bi skritt li jghid 'il-Hbieb tal-hbieb', meta wiehed mir-ritratti l-ohra li jiccirkondaw it-test riprodott mid-djarju hu ta' traffikant tad-droga.

"Ghalhekk hawn non si trattava ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni ta' interess lill-pubbliku imma pjuttost ta' manipulazzjoni tal-istess informazzjoni biex minnha jigi estrapolat argument li ladarba **hu** l-kwerelant odjern kien imsemmi f'djarju fuq pagna li fuqha kien jissemma' ukoll traffikant tad-droga, ifisser x' ifisser dan, allura **huh**, Ministru tal-Gvern tal-gurnata, huwa jew jista' jkun ukoll involut b' xi mod f'xi cirku ta' hbieb li wiehed minnhom hu traffikant tad-droga. Dan hu 'the sting of the libel' f' dan il-kaz u  zgur li mhux dan iridu jipprotegu w jittutelaw il-Qrati fil-bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt tal-protezzjoni tal-integrita` ta' persuna – anki persuna politika – u d-dritt ormai rikonoxxut tal-istampa li tikkomunika lill-pubbliku informazzjoni t'interess generali.

"Illi kif gie ben ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Per. R. Pace J.) fil-kawzi ta' libell fl-ismijiet **Dr. Joseph Troisi vs. Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et** [3.10.2000]; **Prof. Anthony Debono vs. Rev. Fr. Emm. sive Noel Grima et** [3.10.2000]; **Emmanuel sive Lino Zahra vs. Rev. Fr. Emm sive Noel Grima et** [3.10.2000] u **Joseph Caruana vs. Rev. Fr. Emm. sive Noel Grima et** [3.10.2000], li kollha gew konfermati in toto mill-Qorti tal-Appell fl-10 t' Ottubru, 2003 :-

"*'..certament li l-liberta` tal-espressjoni ma ghandhiex tkun licenzja sabiex wiehed liberament jattakka, bla ebda provi u fondament, ir-reputazzjoni u l-unur ta' bniedem iehor, stante li n-natura stess tad-drittijiet fundamentali, ghandha, ai fundus, ir-rispett lejn il-hajja u r-reputazzjoni umana, anzi jinghad li r-reputazzjoni ta' u l-fama tal-bniedem u l-protezzjoni taghha hija l-emanazzjoni u fl-istess hin il-kulmine tad-dinjita` stess tal-istess bniedem.'*

"*'Illi dan l-apprezzament tal-Qorti qed jigi moghti taht il-konsiderazzjonijiet maghmula ukoll fis-sentenza **Onor. Dr. Philip Muscat vs. Victor Camilleri et** (A.C. 19 ta' Mejju 1995 – LXXIX . ii. 487) fejn inghad illi bl-introduzzjoni tal-Kap. 319 sar 'tibdil fondamentali fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti fil-materja ta' ingurja in kwantu din tkun diretta lejn l-awtoritajiet specjalment dawk governattivi, u dan sabiex kemm il-ligi kif ukoll id-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati jkunu konformi mal-hsieb u decizjonijiet tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem in materja ta' liberta` tal-istampa. Dan il-kambjament radikali sar kemm fil-kamp penali kif ukoll fil-kamp civili …(fejn) dawn il-qrati segwew it-triq murija mill-Qorti Ewropea fil-**Lingens Case** sa mill-1986.'*

"*'Illi taht dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta li hija regola ormai li min qieghed jokkupa kariga pubblika, f' demokrazija, huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anki harxa ta' l-operat tieghu, pero` tali kritika qatt ma ghandha twassal sabiex jigu attribwiti fatti mhux veri lil persuna bl-iskop li tali persuna tigi malafamata, ingurjata u redikolata pubblikament, u t-"test" ghal dan xorta jibqa' kif "a reasonable fair minded man" cioe` "the reasonable man, of normal intelligence, possessed of a degree of*

*knowledge of current circumstances" ihares u jifhem l-istess artikolu" (Hedley vs. Tabone – 7 ta' Frar 1953 – Mintoff vs. Schembri – 7 ta' Frar, 1953 ) u ghal dan it-"test" mhux "importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu in kwistjoni gie miktub u stampat, imma importanti huwa li wiehed jara x' jifhem ic-cittadin ordinarju, ta' intelligenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni (***Onor. Dr. G. Cassar vs. Dr. Joseph Muscat*** *– 22.07.1985).'*

"*'Illi mela jidher car illi ghalkemm wiehed jista' jaghmel kritika anki harxa fuq l-operat ta' persuna f' pozizzjoni pubblika, dan ma jfissirx li b' daqshekk wiehed ghandu l-liberta` li jattribwixxi fatti mhux pruvati u ingurjuzi lill-istess persuna, ghaliex il-liberta` tal-espressjoni ghandha l-limiti taghha, fid-dritt tal-persuna li tiddefendi isimha u l-unur taghha, specjalment meta tali fatti allegati jew insinwati assolutament ma jigux ippruvati u ma jezistux.'*

"Meta imbaghad ikkonfermat dawn is-sentenzi il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

"'… f'socjeta` moderna, a differenza ta' forsi ghoxrin , tletin jew sittin sena ilu, certu kummenti jitqiesu li ma humiex ingurjuzi . Meta pero` flok kummenti (jew opinjoni) ikollok allegazzjoni jew insinwazzjoni ta' fatti fihom infushom ingurjuzi u li ma jirrizultawx sostanzjalment pruvati, anki fis-socjeta` moderna u demokratika jibqa' validu l-kumment tal-Imhallef Kennedy fil-kawza **Peter Walker Ltd. vs. Hodgson**: "Where the words which are alleged to be defamatory allege, or assume as true, facts concerning the plaintiff which the plaintiff denies, and which either involve a slanderous imputation in themselves, or upon which the comment bases imputations or inferences injurious to the plaintiff, it is settled law that the defence of fair comment fails unless the comment is truthful in regard to its allegation or assumption of such facts.' [1909] 1 K.B. at p. 256] (sottolinear ta' din il-Qorti)

"L-istess gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Onor. Perit Charles Buhagiar vs. Ray**

**Bugeja fil-kwalita` tieghu ta' editur u stampatur tal-gurnal The Malta Independent** [25.5.2001] meta kkonfermat sentenza tal-prim'istanza kontra l-konvenut appellant f'kawza ta' libell:-

"*'…il-parti tejorika fl-aggravju tal-appellant bazata fuq enunzjazzjoni ta' principji li jirregolaw il-liberta` tal-istampa kif elaborata mis-sentenzi tal-Qorti Ewropea, issir priva minn kull sinifikat u sustanza. Dana ghaliex filwaqt li elenku tal-kawzi maghmul mill-appellant hu indubbjament wiehed aggornat, is-sentenzi kollha minnu citati huma bazati fuq il-premessa sine qua non illi l-fatti f' kull wiehed minn dawn il-kawzi esteri tal-libell kienu sostanzjalment korretti. Dana anki fejn il-kummenti dwar dawk il-fatti kienu mill-aktar atroci , jweggghu, azzardati u forsi ukoll ingustifikati. Hekk kien il-kaz ta'* ***Lingens****. Hekk ukoll kien il-kaz* ***Jersild****….'*

"*'Il-gurisprudenza Ewropea infatti ma abbandunatx il-massima sagramentali li l-fatti huma sagri u l-kummenti huma liberi. Jekk xejn illustrathom sal-punt illi tesigi biss illi l-fatti jkunu <u>sostanzjalment</u> veri filwaqt li estendiet u ghadha qed testendi l-parametri tal-limiti tal-kumment specjalment fil-konfront ta' persuni fil-hajja pubblika u fuq materja ta' interess pubbliku anki lil hinn sewwa minn dak li kien qabel accettat bhala legittimu. Din il-gurisprudenza illum sabet eku fil-gurisprudenza Maltija u din il-Qorti bl-ebda mod ma trid tiftiehem li qeghda tirrestringiha jew tirripudjaha. Trid biss tafferma l-principju illi l-liberta` tal-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurja b' addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrita` ta' haddiehor u pubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika.'*

"Fl-ahhar pronuncjament taghha recentissimu l-istess Qorti tal-Appell fil-kawza **Dr Sandra Caruana vs. Joe Mifsud** [24.9.2004] fejn il-konvenut appellant ukoll ipprova jirrifugja ruhu wara l-insenjament tal-gudizzji tal-Qorti Ewropea f' kawza ta' libell, irriteniet li:-

"*'L-appellant jaghmel riferenza ghal sensiela ta' sentenzi (aktar 'il fuq imsemmija f' dan il-gudikat) moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg dwar il-liberta` tal-espressjoni*

*garantita bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti taqbel li huwa lecitu, hafna aktar milli qatt kien, skond il-gurisprudenza kif zviluppat matul iz-zminijiet, li tikkritika kemm trid, dment li din issir entro certi limiti u li l-liberta` ma tissarrafx f' libertinagg u f'irresponsabilta` b tali mod li persuna tigi assoggettata ghal addebiti foloz li jistghu jwasslu biex joskurawha f' ghajnejn il-pubbliku. Il-liberta` t'espressjoni, m'hijiex xi licenzja li wiehed jghid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa soggett ghal certu kondizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz Bladet Tromso and Stensaas v. Norway [20 ta' Mejju, 1999] il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk :-*

" ***'Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression, even with respect to press coverage of matters of <u>serious public concern</u>. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. …By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of <u>general interest</u> is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide <u>accurate and reliable</u> information in accordance with the ethics of journalism.' (para. 65)*** *(sottolinear ta'* dik il-Qorti)."

Altru mela li wiehed jikkritika, anke jekk b'mod iebes, l-operat ta' dak li jkun billi jesprimi <u>l-opinjoni</u> tieghu fuq dak l-operat, u altru li wiehed jattribwixxi jew, aghar, jinsinwa <u>fatti</u> malafamanti li ma jigux pruvati. Din il-Qorti ghalhekk taqbel perfettament mal-konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza msemmija fl-ismijiet **L-Avukat Dott. Louis Galea v. Frans Ghirxi** (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet **Dr. Louis Buhagiar vs Saviour Balzan noe** tal-11 ta' Jannar 2006 – per Imh. Philip Sciberras – fejn gew ribaditi l-istess principji). Konsegwentement fid-dawl ta' dak kollu suespost, u kkunsidrat il-fatt li l-kwerelant appellat ma ssemmiex fid-

djarju ta’ Ciro del Negro, jidher car li z-zewg pubblikazzjonijiet, ghalkemm kienu jittrattaw materja ta’ “serious public concern”, kienu intizi biex ihammgu jew ipoggu in dubju l-integrita` personali tal-kwerelant u ghalhekk meta l-appellant, fil-kwalita` tieghu ta’ President tal-Malta Labour Party, iddecieda li jippublikahom fil-gurnal “L-Orizzont”, irrenda ruhu passibbli ghas-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi tal-Istampa ghal min jaghti malafama lil haddiehor.

Konsegwentement l-aggravju dwar il-mertu ma jimmeritax li jigi milqugh.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena li jghid li hija eccessiva.

Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2]. Il-piena applikabbli skond l-artikolu 11 tal-Kap. 248 hija dik tal-multa. Skond l-artikolu 11 tal-Kap. 9 imbaghad, fejn il-ligi ma tghidx espressament xort’ohra, il-*maximum* tal-multa huwa hames mitt lira u l-*minimum* ghaxar liri. Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija decizament entru l-parametri tal-ligi u ma ngabet ebda raguni sabiex tiggustifika li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni li ezercitat l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------